## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-4 ta' Frar 2016

Appell Nru: 361/2014

**Il-Pulizja**

**Spettur Christopher Pullicino**

**Vs**

**Brooks Lia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Brooks Lia detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 315975M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli: 1) Nhar it-28 ta' Gunju, 2002 fl-Imtarfa, ghall-habta tal-11 ta' filghodu, bil-hsieb illi jikkometti delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt ta' serq minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAV648 li kienet ipparkjata fi Triq San David, Mtarfa, L/O Rabat, liema oggetti huma stmati li jiswew aktar minn mitt Lira Maltin (Lm100.00), izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1,000.00), liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u liema delitt ta' serq li kieku

sehh kien ikun aggravat bil-valur u bin-natura tal-oggett misruq u dan ghad-dannu ta' Carmel Galea; u 2) aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' Settembru, 2014, li permezz taghha wara li rat l-Artikoli 41, 261, 271, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet htija fuq l-ewwel akkuza izda lliberatu mill-addebitu tar-recidiva u bl-applikazzjoni tal-artikolu 17, 21 u 31 tal-istess Kapitolu kkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta' tmintax (18)-il xahar;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Brooks Lia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Settembru, 2014, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija, izda taghti piena aktar ekwa u gusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mil-Ewwel Qorti igifieri dik ta' tmintax-il xahar prigunerija u dan ghaliex l-appellant gia qieghed jiskonta terminu ta' prigunerija u jekk is-sentenza in dizamina tghaddi in gudikat, tibda tiddekorri fis-sena 2019 bir-rizultat li ser jibqa inkarcerat sas-

sena 2021 u b'hekk ikun qatta parti sostanzjali ta' hajtu l-habs. L-appellant mhux qed jikkontesta s-sejbien ta' htija dwar l-imputazzjoni ta' attentat ta' serq aggravat bil-valur u bin-natura tal-oggett misruq;

Ir-raguni vantata mill-appellant ghaliex din il-Qorti ghandha tibdel il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma tistghax tkun kunsidrata bhala wahda valida. In linea massima din il-Qorti ma tibdilx id-decizzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm l-piena kominata tkun fil-parametri tal-ligi u ma tkunx 'l hinn minn dik ravvizata fil-ligi. Issa, fil-prolazzjoni tas-sentenza taghha l-Ewwel Qorti hadet kont tal-ammont ta' zmien trapass mid-data tal-attentat ta' serq. Hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fedina penali tal-hati fi zmien tal-kommissjoni tar-reat u sahansitra rrikorriet ghat-tnaqqis fil-piena fit-termini tal-artikolu 21 tal-Kap 9 anke jekk ma semmietx r-raguni ghal-tali tnaqqis. Inoltre, l-piena kienet imnaqqsa bi grad jew tnejn skond l-artikolu 41, l-attentat tar-reat;

Illi ghalhekk il-piena kominata mill-Ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi;

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.